MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 220/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fabio Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Fabio Grima talli fit-30 ta' April 2006 ghall-habta ta' 05.15 a.m. bhala l-persuna li f'isimha ghandha l-licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' 'Vertigo' li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan:

(1) Ippermetta li tindaqq muzika gholja wara l-5.15 a.m. fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta' l-awtorita` kompetenti;

(2) Ippermetta lil Clifton Ciantar jaghmilha ta’ substitute minghajr licenzja ta’ l-awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Gunju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Fabio Grima hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat ir-regolamenti 22(1) u 21(1) [*recte:* 21] ta’ l-Avviz Legali [*recte:* Notifikazzjoni tal-Gvern] 392/29, ikkundannatu ghal ammenda ta’ hamsa u ghoxrin liri Maltin ghal kull imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikolu 30 tal-Kap. 9, ordnat is-sospensjoni tal-licenzja fuq il-fond de quo ghal perijodu ta’ tliet xhur mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Fabio Grima pprezentat fl-14 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja ghal perijodu ta’ tliet xhur u konsegwentement tilliberah minn din il-piena, u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata, talab li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena nflitta, u specifikatament is-sospensjoni tal-licenzja ghal perijodu ta’ tliet xhur, li huwa jqis bhala eccessiva u sproporzjonata.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra

mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-appellant jaghmel referenza ghal xi provvedimenti ta' l-Avviz Legali 124/95. Izda dak l-Avviz Legali mhux applikabbli ghall-kaz in ezami peress illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant jirrigwardaw reati li dwarhom tipprovdi n-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/29. Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement applikat l-artikolu 30 tal-Kap. 9 meta ddecidiet li tissospendi l-licenzja. Is-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu fil-fatt jipprovdi testwalment:

**"Minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli zzomm jew tikseb xi *warrant*, licenza, permess jew awtorita` ohra maghrufa mill-Gvern jew xi awtorita` pubblika ohra, meta xi persuna, sew bhala awtur jew komplici, tigi dikjarata hatja ta' reat kriminali li jkun sar –**

**(a) fl-ezercizzju jew dwar l-ezercizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xoghol iehor li ghalihom ikun inhareg jew jista' jinhareg f'isimha xi *warrant*, licenza, permess jew awtorita` mill-Gvern jew xi awtorita` pubblika ohra; jew**

**(b) …;**

**il-qorti tista', barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet hatja kif intqal qabel ghal xi piena mahsuba mil-ligi ghar-reat, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, ghal dak iz-zmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dak il-*warrant*, licenza, permezz jew awtorita`."**

Fic-cirkostanzi rizultanti mill-provi, u stante illi l-appellant kien ghadu fil-bidu tat-tmexxija tieghu tal-hanut, tant illi l-licenzja nqalbet fuq ismu proprju tliet xhur qabel, kif ukoll

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

peress illi qatt ma kien gie kkundannat qabel ghal reati ta' dan il-generu, din il-Qorti jidhrilha li huwa l-kaz li jkun hemm temperament fil-perijodu ta' sospensjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell in parti billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ghal perijodu ta' tliet xhur u minflok tordna s-sospensjoni tal-licenzja ghal perijodu ta' xahar millum, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------